SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

22 ta' Marzu 2018 *

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Sejħa għal manifestazzjoni ta' interess – Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew – Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv – Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' din l-opinjoni – Ksur tal-proċedura ta' selezzjoni – Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Responsabbiltà"

Fil-Kawża T-581/16,

Costas Popotas, uffiċjal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, residenti fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentat minn V. Christianos u S. Paliou, avukati,

rikorrent,

vs

L-Ombudsman Ewropew, irrappreżentat minn L. Papadias, P. Dyrberg u A. Antoniadis, bħala aġenti, assistiti minn A. Duron, avukat,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ħatra ta' G fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew, tad-deċiżjoni tal-Ombudsman tad-9 ta' Novembru 2015 li tiċħad ilmenti mressqa mir-rikorrent kontra l-imsemmija deċiżjoni kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Ombudsman li ma jiġix mistieden għal intervista, u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni li r-rikorrent allegatament ġarrab b'konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn A. M. Collins, President, M. Kancheva u R. Barents (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: S. Spyropoulos, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-21 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

Sentenza

I. Il-kuntest ġuridiku

1 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”):

“Ir-reklutaġġ għandu jkollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjoni jkollha s-servizzi ta’ uffiċjali tal-ogħla livell ta’ kapaċità, effiċjenza u integrità, magħżula mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni. L-ebda pożizzjoni ma tkun riservata għal ċittadini ta’ xi Stat Membru [tal-Unjoni Ewropea].”

2 Fid-19 ta’ Frar 2015, l-Ombudsman Ewropew ippubblika sejħa għal manifestazzjoni ta’ interess bil-għan tar-reklutaġġ ta’ Segretarju Ġenerali bil-grad AD 15/16 tal-uffiċċju tal-Ombudsman (OMB/2/2015) (iktar ’il quddiem is-“SMI”).

3 Il-kriterji ta’ selezzjoni, iddikjarati fil-punt 6 tas-SMI, huma s-segwenti:

– “[e]sperjenza ta’ kollaborazzjoni ma’ jew ta’ ħidma fi ħdan istituzzjoni, korp jew organu tal-UE, jew ta’ kollaborazzjoni ma’ jew ta’ ħidma fi ħdan uffiċċju nazzjonali ta’ ombudsman jew kull korp relatat;

– għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej;

– esperjenza sinjifikattiva u suċċess dimostrabbli bħala diriġent f’qasam kompatibbli mal-attivitajiet ta’ uffiċċju;

– għarfien tajjeb tar-rwol li għandu ombudsman fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

– esperjenza murija fl-implementazzjoni ta’ bidla strateġika;

– għarfien tal-ġestjoni u tal-pjanifikazzjoni baġitarja;

– għarfien ta’ streteġiji u proċessi moderni fis-settur tar-riżorsi umani;

– għarfien ta’ streteġiji u proċessi moderni fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni;

– kapaċitajiet eċċellenti ta’ komunikazzjoni, ta’ networking u ta’ motivazzjoni tal-persunal;

– impenn profond favur UE li tisma’ liċ-ċittadini;

– impenn profond favur il-viżjoni u l-istrateġija tal-Ombudsman maħtura;

– il-kapaċità ta’ komunikazzjoni effikaċi bl-Ingliż u bil-Franċiż hija neċessarja għal raġunijiet prattiċi. L-għarfien ta’ lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea huwa vantaġġ.”

4 Il-punt 7 tas-SMI, intitolat “[p]roċedura ta’ selezzjoni”, jiddikjara:

“Il-kandidati kollha għandhom jirċievu konferma ta’ riċeviment. Kumitat Konsultattiv għandu jassisti lill-Awtorità tal-Ħatra u għandu jeżamina l-kandidaturi bl-għajnuna tal-unità ”Persunal, Amministrazzjoni u Baġit‘. Dan il-kumitat għandu jipproponi lista ta’ kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista. Il-Kumitat Konsultattiv jista’ jirrakkomanda li n-numru ta’ kandidati eliġibbli biex jiġu mistiedna għal intervista jiġi llimitat.

L-Ombudsman tista' tiddeċiedi li tistieden għall-intervisti biss uħud mill-kandidati fil-lista rrakkomandata mill-Kumitat Konsultattiv. Il-kandidati kollha għandhom jiġu informati bl-eżitu tal-proċedura ta' selezzjoni."

5 Id-data ta' skadenza għar-riċeviment tal-kandidaturi kienet iffissata, skont il-punt 8 tas-SMI, għat-22 ta' Marzu 2015 f'nofsinhar.

6 Barra minn hekk, il-punt 8 tas-SMI jipprevedi li l-kandidatur għandhom jinkludu:

"a) formola ta' kandidatura kkompletata, disponibbli minn qabel fuq is-sit internet tal-Ombudsman […]

b) ittra redatta bl-Ingliż li tispjega l-motivazzjoni tal-kandidat u r-raġunijiet għalfejn il-kandidat jemmen li għandu l-kompetenzi, l-għarfien u l-kapaċitajiet neċessarji għall-pożizzjoni;

c) kopja tal-*curriculum vitæ* tal-kandidat;

d) kopja ta' dokument uffiċjali li jippermetti li tiġi stabbilita ċ-ċittadinanza tal-kandidat;

e) kopja taċ-ċertifikati (ma hijiex neċessarja traduzzjoni ċċertifikata iżda traduzzjoni bil-Franċiż jew bl-Ingliż tiġi apprezzata);

f) provi tal-esperjenza professjonali tal-kandidat, li jindikaw b'mod ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem u n-natura eżatta tal-attivitajiet imwettqa, li jippermettu li jiġi stabbilit li l-kandidat għandu l-kwalifiki u l-għarfien neċessarji hekk kif stabbiliti fil-kapitolu "kriterji ta' selezzjoni";

g) il-kandidati għandhom ukoll jipprovdu dikjarazzjoni u, jekk possibbli, prova li tistabbilixxi l-għarfien lingwistiku tagħhom;

h) fir-rigward tal-uffiċjali minn istituzzjonijiet oħra tal-UE, kopja tal-aħħar tliet rapporti ta' evalwazzjoni tagħhom (jekk disponibbli);

i) indirizz tal-posta elettronika validu li l-uffiċċju tal-Ombudsman għandu juża għall-korrispondenza.

Verżjonijiet oriġinali tad-dokumenti ġustifikattivi msemmija ((d), (e), (f), (g) u (h)) jistgħu jintalbu ulterjorment għal finijiet ta' verifika.

Il-kandidaturi inkompleti jew sottomessi (parzjalment jew għal kollox) wara d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-kandidaturi ma humiex ser jittieħdu inkunsiderazzjoni."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

7 Fid-19 ta' Marzu 2015, l-Ombudsman ippubblika l-lista tal-Membri tal-Kumitat Konsultattiv għall-proċedura ta' selezzjoni OMB/2/2015, li kien kompost mill-membri li ġejjin: is-Sinjura A., is-Sinjura D., u s-Sinjura S. u s-Sur H. Barra minn hekk, osservatur u segretarju ġew maħtura bil-għan li jkunu ta' servizz għall-imsemmi kumitat.

8 Fl-20 ta' Marzu 2015, ir-rikorrent, Costas Popotas, ittrażmetta permezz tal-posta elettronika d-dokumentazzjoni kompleta li tirrigwarda l-att ta' kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali, filwaqt li ppreċiża li r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2014 kien għadu qed jiġi ffinalizzat.

9 Permezz ta' posta elettronika tal-24 ta' Marzu 2015, l-Ombudsman ikkonferma r-riċeviment tal-att ta' kandidatura tar-rikorrent.

10 Fis-27 ta' Marzu 2015, ir-rikorrent ittrażmessa l-aħħar rapport ta' evalwazzjoni tiegħu, iffinalizzat f'dak l-istess jum, u li kien jirrigwarda s-sena 2014, fejn żied li, minkejja li l-imsemmi rapport ta' evalwazzjoni kien intbagħat wara d-data ta' skadenza, huwa kien jixtieq xorta waħda li dan jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kumitat Konsultattiv.

11 Fid-9 ta' April 2015, il-Kumitat Konsultattiv bagħat posta elettronika lill-Ombudsman fejn informah li kien temm l-evalwazzjoni tal-kandidaturi kollha li kienu ġew sottomessi lilu. Barra minn hekk, huwa fassal il-lista, stabbilita f'ordni alfabetika, ta' tnax-il kandidat li huwa kien jirrakkomanda bil-għan li dawn jissejħu għal intervista quddiem l-Ombudsman. F'din il-lista stabbilita f'ordni alfabetika, ir-rikorrent kien jinsab fil-ħdax-il pożizzjoni u s-Sinjura G. fis-seba' pożizzjoni.

12 Permezz ta' posta elettronika tal-istess jum, l-Ombudsman informa lill-osservatur tal-Kumitat Konsultattiv li huwa kien iddeċieda li jsejjaħ għal intervista lil tmienja biss mit-tnax-il kandidat propost mill-imsemmi kumitat, fosthom is-Sinjura G, fejn ir-rikorrent ġie eskluż mill-imsemmija intervista.

13 Permezz ta' posta elettronika tal-10 ta' April 2015, il-kap tal-unità "Persunal, amministrazzjoni u baġit" informa lir-rikorrent li l-Kumitat Konsultattiv kien iddeċieda, minkejja l-merti kunsiderevoli tiegħu, li ma jirrakkomandax il-kandidatura tiegħu għal intervista. Ġie ppreċiżat ukoll li, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-imsemmija deċiżjoni, ir-rikorrent seta' jressaq talba mmotivata ta' eżami mill-ġdid ta' din id-deċiżjoni sas-17 ta' April 2015.

14 Fis-17 ta' April 2015 żvolġew intervisti tat-tmien kandidati li kienu ntagħżlu mill-Ombudsman u, fit-22 ta' April 2015, tlieta minn fosthom ħadu sehem f'intervista ġdida.

15 Fit-8 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent sar jaf, billi kkonsulta s-sit internet tal-magażin *Politico*, bl-informazzjoni li kienet tgħid li G. kienet inħatret Segretarju Ġenerali tal-Ombudsman. Din l-istess informazzjoni kienet ġiet ikkomunikata, fl-4 ta' Mejju 2015, lill-Kumitat Konsultattiv.

16 Fit-18 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent ippreżenta lill-Ombudsman talba ta' aċċess għad-dokumenti amministrattivi li jirrigwardaw il-proċedura OMB/2/2015, b'mod partikolari l-minuti tal-Kumitat Konsultattiv maħtur sabiex jassisti lill-Awtorità tal-Ħatra u l-proposta sottomessa għall-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar.

17 Fis-26 ta' Mejju 2015, l-Ombudsman informa lir-rikorrent li l-Kumitat Konsultattiv "ma [kienx żamm] minuti tal-laqgħa tiegħu, b'tali mod li ma setax jikkunsidra/jeżamina aċċess pubbliku possibbli għal tali dokument". Barra minn hekk, fir-rigward tat-talba ta' aċċess tar-rikorrent għall-proposta sottomessa għall-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, l-Ombudsman indika li "il-Kumitat Konsultatattiv madankollu ma [kienx ippreżenta] dokument separat li jinkludi tali proposta, iżda [kien ikkomunika], amministrattivament, l-evalwazzjonijiet tiegħu lill-Ombudsman permezz tal-partijiet rilevanti tan-nota tat-13 ta' Mejju 2015 imsemmija iktar 'il fuq".

18 Fit-3 ta' Ġunju 2015, l-Ombudsman ittrażmetta lir-rikorrent, wara t-talba tiegħu ta' aċċess għal ċerti dokumenti, in-nota tat-13 ta' Mejju 2015 dwar il-proċedura ta' selezzjoni OMB/2/2015 għar-reklutaġġ ta' Segretarju Ġenerali. Din in-nota, stabbilita fit-13 ta' Mejju 2015 mill-kap tal-unità "Persunal, amministrazzjoni u baġit" u approvata mill-Ombudsman, tagħti sunt tal-proċedura ta' selezzjoni li żvolġiet sa mill-pubblikazzjoni tas-SMI sad-deċiżjoni li l-pożizzjoni tiġi offruta lil G. Din in-nota tinkludi tliet annessi: l-ewwel anness jirrigwarda l-eliġibbiltà tal-kandidati, it-tieni huwa relatat mal-marki attribwiti mill-Kumitat Konsultattiv lill-kandidati eliġibbli u t-tielet huwa dwar il-marki attribwiti mill-Kumitat Konsultattiv lit-tmien kandidati li kienu pparteċipaw fl-ewwel sensiela ta' intervisti.

19 Fl-4 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent talab lill-Ombudsman biex ineħħi l-anonimat lill-kandidatura tiegħu fl-Anness 2 tan-nota tat-13 ta' Mejju 2015.

20 Fid-9 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent ġie informat mis-servizzi tal-Ombudsman li l-kandidatura tiegħu kienet dik bin-numru 51.

21 Fl-10 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent talab lill-Ombudsman l-aċċess għad-dokumenti li ġejjin:

– "[il-]kopji tal-[*curriculum vitæ*] tal-kandidati nru 3, 7 u 47 (anonimizzati jekk neċessarju) u ta' G.;

– il-kriterji ta' sejħa tal-kandidati għal intervista hekk kif isir riferiment għalihom fl-Anness 3 [tan-]nota tal-Ombudsman tat-13 ta' Mejju 2015 […];

– [il-]kopji tal-posta elettronika jew ittri (anonimizzati jekk neċessarju) mibgħuta lill-kandidati nru 7 u 47 mill-10 ta' April".

22 Fil-11 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent indika lill-Ombudsman li kien iqis li l-marki li kienu ngħataw lu ma kinux jirriflettu d-dokumentazzjoni sottomessa.

23 Għaldaqstant ir-rikorrent talab sabiex "jirċievi min-naħa tal-Kumitat Konsultattiv il-motivazzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta':

– il-kriterji sussidjarji li [kienu] ġew applikati għall-evalwazzjoni dwar l-elementi A, G u H tal-Anness 2, b'mod partikolari tar-raġunament li [kien] ippermetta li jingħata l-massimu ta' marki possibbli lil ċerti kandidati;

– l-elementi tal-fajl [tiegħu] li ma [kinux] ippermettew li jingħata l-massimu ta' punti għall-element A;

– ir-raġunijiet għalfejn, fid-dawl tat-totalità tal-involviment [tiegħu] b'mod kważi kostanti fil-kwistjonijiet tal-ġestjoni tal-persunal mill-aspett fuq kollox interistituzzjonali, il-Kumitat ma [kienx] qies xieraq li [huwa għandu jingħata] l-massimu ta' punti, jew iktar minn 3.50 għall-element G;

– il-kriterji applikati għall-fajl [tiegħu] li [kienu] rriżultaw f'marki partikolarment baxxi fir-rigward tal-element H, meta jitqies li [huwa kien] ressaq quddiem il-Kumitat studji speċifiċi fl-informatika u involviment kostanti fl-informativa applikata għall-attivitajiet li [huwa kien] eżerċita, taħriġ avvanzat u pubblikazzjonijiet fis-settur ikkonċernat, u l-parteċipazzjoni f'assoċjazzjonijiet rinomati fis-settur."

24 Ir-rikorrent żied li b'mod parallel, huwa kien ressaq it-talba INC2015-005124 ta' aċċess għad-dokumenti quddiem ir-reġistru tal-Ombudsman.

25 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Ġunju 2015, trażmessa lir-rikorrent permezz ta' posta elettronika tat-18 ta' Ġunju 2015, l-Ombudsman, bi tweġiba għat-talba tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2015, ikkomunika l-*curriculum vitæ* ta' G., fejn ippreċiża li l-*curriculum vitæ* tal-kandidati l-oħra ma setgħux jiġu kkomunikati lilu minħabba drittijiet marbuta mal-protezzjoni tad-data ta' natura personali. Barra minn hekk, kopja tal-korrispondenza skambjata mal-kandidati nru 7 u 47 ġiet trażmessa lilu, konformement mat-talba tiegħu.

26 Fis-26 ta' Ġunju 2015, bi tweġiba għall-posta elettronika tar-rikorrenti tal-11 ta' Ġunju 2015, l-uffiċċju tal-Ombudsman indikalu li kienet qed tiġi elaborata tweġiba għat-talba tiegħu u li din kellha tiġi kkomunikata lilu mill-iktar fis.

27 Ir-rikorrent informa lill-Ombudsman li bħala prinċipju, huwa kien ser jistenna t-tweġiba sal-10 ta' Lulju 2015.

28 Fl-10 ta' Lulju 2015, ir-rikorrent ressaq, b'mod kawtelatorju, ilment ibbażat fuq l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rikorrent qies, minn naħa, li l-proċedura kienet ikkaratterizzata minn nuqqasijiet u minn inkoerenzi li kienu jagħtu indikazzjonijiet ta' użu ħażin ta' proċedura, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ma kienx ġie mistieden għal intervista orali, kuntarjament għall-kandidat nru 47 ikklassifikat *ex æquo* miegħu fid-disa' pożizzjoni, mingħajr ma setgħet tingħata ġustifikazzjoni oġġettiva, u, min-naħa l-oħra, li saru żbalji ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kwalifiki tiegħu relatati mal-elementi "G. Għarfien ta' strateġiji u proċeduri moderni fis-settur tar-riżorsi umani" u "H. Għarfien ta' strateġiji u proċeduri moderni fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni", fid-dawl tal-elementi pprovduti fil-kandidatura tiegħu u fil-*curriculum vitæ* li huwa kien annetta. Konsegwentement huwa talab lill-Awtorità tal-Ħatra tannulla l-istadji tal-proċedura ta' selezzjoni ulterjuri għan-nota tat-13 ta' Mejju 2015, b'mod partikolari l-ħatra ta' G. fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman, u sabiex jikkumpensah għad-danni materjali u morali li huwa kien ġarrab.

29 Fis-17 ta' Lulju 2015, l-uffiċċju tal-Ombudsman ikkonferma r-riċeviment ta' dan l-ilment.

30 Fil-21 ta' Settembru 2015, ir-rikorrent talab kopja tad-deċiżjoni ta' ħatra ta' G, li ġiet trażmessa lilu permezz tal-posta elettronika fil-5 ta' Ottubru 2015.

31 Fl-14 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrent ressaq ilment ieħor ibbażat fuq l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li permezz tiegħu huwa kkonferma l-ilmenti fformulati fl-ewwel ilment tiegħu (ara l-punt 28 iktar 'il fuq). Madankollu, huwa żied, minn naħa, li ttieħdu inkunsiderazzjoni elementi ta' evalwazzjoni mhux previsti fir-rigward tal-kandidata finalment magħżula bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u, min-naħa l-oħra, li l-proċedura ta' selezzjoni ma kinitx tikkorrispondi globalment għall-istandards ta' amministrazzjoni tajba li kellhom jiggwidaw istituzzjoni bħal dik tal-Ombudsman. Konsegwentement, huwa talab l-annullament tal-istadji tal-proċedura ta' selezzjoni ulterjuri għan-nota tat-13 ta' Mejju 2015, b'mod partikolari l-ħatra ta' G. fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman li saret permezz ta' deċiżjoni tal-Ombudsman tas-16 ta' Lulju 2015. Barra minn hekk, huwa kkonferma t-talba tiegħu għal kumpens għad-danni materjali u morali mġarrba.

32 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2015 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-rikorrent ġie informat mill-Ombudsman dwar iċ-ċaħda tal-ilmenti tiegħu tal-10 ta' Lulju u tal-14 ta' Ottubru 2015.

III. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

33 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-17 ta' Frar 2016, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.

34 L-Ombudsman ippreżenta risposta lir-Reġistru tat-Tribuna għas-Servizz Pubbliku fis-26 ta' Ġunju 2016.

35 Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016 L 200, p. 137), din il-kawża ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali fl-istat li din kienet tinsab fid-data tal-31 ta' Awwissu 2016. Hija ġiet irreġistrata taħt in-numru T-581/16 u ġiet allokata lit-Tmien Awla.

36 Ir-rikorrent ippreżenta replika fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Jannar 2017 u l-Ombudsman ippreżenta kontroreplika fis-16 ta' Marzu 2017.

37 Permezz ta' talba ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' April 2017, ir-rikorrent staqsa lill-Qorti Ġenerali, taħt l-Artikolu 85(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex jordna l-irtirar tal-Anness D 1 mill-fajl u sabiex ma jittieħdux inkunsiderazzjoni l-argumenti tal-Ombudsman relatati ma' dan l-anness.

38 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, għamlet mistoqsija bil-miktub lir-rikorrent li wieġeb fit-terminu mogħti sabiex tingħata tweġiba fis-seduta.

39 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha l-Ombudsman ċaħad l-ilmenti amministrattivi tiegħu;

– tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' April 2015, li eskludiet lir-rikorrent minn intervista, u d-deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015, li taħtar lil G. fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman;

– tordna lill-Ombudsman iħallaslu s-somma ta' EUR 112 472.64 bħala kumpens għad-danni materjali li ġarrab;

– tordna lill-Ombudsman iħallaslu s-somma ta' EUR 30 000 bħala kumpens għad-danni morali li ġarrab;

– tikkundanna lill-Ombudsman iħallas l-ispejjeż kollha.

40 L-Ombudsman jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli;

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż tal-istanza.

41 Waqt is-seduta, ir-rikorrent għamel dikjarazzjoni preliminari li permezz tagħha huwa indika li kellu l-intenzjoni li jillimita l-ammont tat-talba tiegħu għal danni pekunjarji u li ma kienx qiegħed jitlob iżjed il-ħlas tas-somma ta' EUR 112 472.64. Huwa ppreċiża li d-danni pekunjarji li jallega li ġarrab kienu jirrgwardaw telf ta' opportunità, b'tali mod li huwa issa jitlob lill-Qorti Ġenerali tiddetermina somma f'daqqa *ex æquo et bono*, u l-Qorti Ġenerali ħadet nota ta' dan fil-minuti tas-seduta.

IV. Id-dritt

A. Fuq l-ammissibbiltà

42 Mingħajr ma jqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fis-sens formali, l-Ombudsman jinvoka numru ta' eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà kontra wħud mill-motivi mqajma mir-rikorrent.

43 Fl-ewwel lok, l-Ombudsman isostni li r-regola ta' konkordanza li tirrikjedi li motiv imqajjem quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea tkun diġà tqajjmet fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża ma ġietx osservata. B'hekk, l-ilmenti magħmula kontra, minn naħa, elementi pprovduti fin-nota tat-13 ta' Mejju 2015, ikkomunikata lir-rikorrent fit-3 ta' Ġunju 2015, u, min-naħa l-oħra, il-*curriculum vitæ* ta' G., ikkomunikat lir-rikorrent fit-18 ta' Ġunju 2015, diġà jmisshom ġew ippreżentati fil-kuntest tal-imsemmija proċedura. Skont l-Ombudsman, l-ilmenti li setgħu jiġu fformulati qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors għaldaqstant huma inammissibbli.

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa ammissibbli biss jekk qabel ikun tressaq ilment quddiem l-Awtorità tal-Ħatra.

45 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regola ta' konkordanza bejn l-ilment, fis-sens tal-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u r-rikors sussegwenti tirrikjedi, taħt piena ta' inammissibbiltà, li motiv imqajjem quddiem il-qorti tal-Unjoni jkun diġà tqajjem fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tkun f'pożizzjoni li tkun taf il-kritiki li l-parti kkonċernata tkun qed tagħmel kontra d-deċiżjoni kkontestata (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Din ir-regola hija ġġustifikata mill-għan stess tal-proċedura prekontenzjuża, peress li din għandha l-għan li tippermetti soluzzjoni bonarja tat-tilwim li jinbet bejn l-uffiċjali u l-amministrazzjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalhekk, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, fir-rikorsi tal-uffiċjali, it-talbiet ippreżentati quddiem il-qorti tal-Unjoni jista' jkollhom biss kapijiet ta' kontestazzjoni li huma bbażati fuq l-istess kawża bħal dik li fuqha jkunu bbażati l-kapijiet ta' kontestazzjoni invokati fl-ilment, bil-preċiżazzjoni li dawn il-kapijiet ta' kontestazzjoni jistgħu jiġu żviluppati, quddiem il-qorti tal-Unjoni, bil-preżentazzjoni ta' motivi u argumenti li mhux neċessarjament ikunu jidhru fl-ilment, iżda li jkunu relatati mill-qrib miegħu (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 L-ewwel nett, l-Ombudsman iqajjem l-inammissibbiltà ta' parti mill-ewwel motiv, ibbażat, hekk kif spjega r-rikorrent fis-seduta bi tweġiba għal mistoqsija magħmula f'dan is-sens mill-Qorti Ġenerali, fuq il-ksur tal-proċedura ta' selezzjoni. B'hekk, skont l-Ombudsman, ir-rikorrent ma jkunx jista' iżjed iqiegħed inkwistjoni l-fatt li l-kandidati kienu ġew evalwati matul il-fażi li tippreċedi l-intervisti skont ċerti kriterji ta' selezzjoni, li żewġ sensiliet ta' intervisti u sitt kriterji mogħnija b'fatturi ta' ponderazzjoni kienu ntużaw biex jiġu evalwati l-intervisti u li l-kompetenzi lingwistiċi tal-kandidati ma kinux ġew evalwati konformement mas-SMI. B'hekk l-Ombudsman isostni li r-rikorrent kien jaf perfettament, fil-mument stess tat-tressiq tal-ewwel ilment tiegħu, l-elementi li ġejjin:

– "tmien kriterji ta' selezzjoni [intuża] matul il-fażi li tippreċedi l-intervisti;

– [ir-rikorrent] ġie evalwat fid-dawl ta' dawn il-kriterji;

– l-evalwazzjoni wasslet sabiex [ir-rikorrent] jiġi eskluż mill-fażijiet li ġejjin tal-proċedura ta' selezzjoni;

– kien hemm żewġ sensiliet ta' intervisti;

– kien hemm sitt kriterji ta' evalwazzjoni tal-intervisti;

– ġew applikati fatturi ta' ponderazzjoni kemm matul il-fażi li tippreċedi l-intervisti kif ukoll matul il-fażi tal-intervisti;

– il-kompetenzi lingwistiċi kienu evalwati matul il-fażi tal-intervisti u

– il-lingwi tal-kandidata magħżula għall-pożizzjoni kienu l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż."

49 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li, fil-kuntest tal-ewwel ilment tiegħu, ir-rikorrent spjega li l-proċedura kienet ikkaratterizzati minn nuqqasijiet u inkoerenzi li kienu joffru indikazzjonijiet li l-proċedura ta' selezzjoni ma kinitx ġiet osservata, fejn invoka bħala eżempju l-fatt li huwa ma kienx ġie mistieden għal intervista orali, kuntrarjament għall-kandidat nru 47 ikklassifikat *ex æquo*. Ir-rikorrent żied, fil-kuntest tat-tieni lment tiegħu, li elementi ta' evalwazzjoni mhux previsti kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-kandidata li finalment ġiet magħżula, bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

50 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li n-nuqqasijiet u l-inkoerenzi indikati mir-rikorrent jinkludu preċiżament u neċessarjament l-ilmenti kollha li huwa invoka fil-kuntest tal-ewwel motiv tiegħu, li kollha kemm huma jirrigwardaw il-ksur tal-proċedura ta' selezzjoni, u li huma mfakkra mill-Ombudsman (ara l-punt 48 iktar 'il fuq). Għalhekk anki jekk dawn l-ilmenti ma jirriżultawx *expressis verbis* fl-ewwel ilment tar-rikorrent, huma marbuta mal-ewwel kap ta' kontestazzjoni dwar il-ksur tal-proċedura ta' selezzjoni, u għaldaqstant ma jikkostitwixxux, hekk kif jallega l-Ombudsman, "motiv sussidjarju", iżda argumenti insostenn tal-motiv li diġà tqajjem.

51 Għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

52 It-tieni nett, l-Ombudsman iqajjem l-inammissibbiltà tal-"motiv sussidjarju" li skontu huwa attribwixxa lill-kriterji ta' selezzjoni fatturi ta' ponderazzjoni mhux previsti fis-SMI.

53 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat, għal darb'oħra, li dan l-ilment jirriżulta inkontestabbilment mill-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-proċedura ta' selezzjoni, sa fejn l-Ombudsman qed jiġi akkużat li ma osservax il-kriterji ta' selezzjoni li kien fassal huwa stess. Għaldaqstant dan lanqas ma jista' jiġi kkwalifikat bħala "motiv sussidjarju", liema kwalifika tidher partikolarment mhux xierqa.

54 Għaldaqstant din it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda wkoll.

55 It-tielet nett, l-Ombudsman iqajjem l-inammissibbiltà tal-ilment dwar it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterju li jirrigwarda l-"impressjoni sħiħa", meta din il-kontestazzjoni setgħet saret mir-rikorrent fil-kuntest tal-ilment tiegħu, ġaladarba huwa kien jaf bl-eżistenza ta' dan il-kriterju sa mit-3 ta' Ġunju 2015.

56 Fil-fatt, ir-rikorrent isostni li l-"impressjoni sħiħa" ma kinitx kriterju li kien jinsab fis-SMI.

57 Madankollu, jeħtieġ li jiġi osservat li, fit-tieni lment tal-14 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrent, iktar preċiżament, ikkritika lill-Ombudsman talli ħa inkunsiderazzjoni elementi ta' evalwazzjoni li ma kinux previsti. Għalhekk, billi kkritika lill-Ombudsman talli allegatament ħa inkunsiderazzjoni l-kriterju dwar l-"impressjoni sħiħa", ir-rikorrent sempliċement żviluppa l-motiv li huwa diġà kien semma fil-kuntest tat-tieni lment tiegħu. Għaldaqstant huwa manifestament b'mod żbaljat li l-Ombudsman isostni li dan l-ilment ma ġiex invokat fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża.

58 Din it-tielet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

59 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilmenti magħmula kontra l-allegati żbalji mwettqa waqt il-fażijiet ulterjuri tal-proċedura ta' selezzjoni u li ma għandhom ebda relazzjoni mal-każ tar-rikorrent, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-ilmenti ma humiex inammissibbli, kif jallega l-Ombudsman, iżda eventwalment ineffettivi, inkwantu għaldaqstant għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-eżami tal-motivi fuq il-mertu.

60 Fit-tielet lok, l-Ombudsman iqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, dwar il-fatt li, minkejja li r-rikorrent kellu l-possibbiltà li jressaq talba mmotivata lill-Kumitat Konsultattiv u lill-Ombudsman qabel is-17 ta' April 2015 sabiex huma jikkunsidraw mill-ġdid il-kandidatura tiegħu u li huwa kien ġie espressament informat dwar dan, huwa ma għamilx użu minn din il-possibbiltà, meta dan kien fl-interess leġittimu tiegħu. Issa, dan l-eżami mill-ġdid ma kienx mingħajr eżitu ġaladarba kandidati oħra għamlu użu minnu, anki jekk id-deċiżjoni fin-negattiv fir-rigward tagħhom kienet ġiet ikkonfermata.

61 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, permezz ta' posta elettronika tal-10 ta' April 2015, ir-rikorrent ġie informat dwar il-fatt li l-Kumitat Konsultattiv ma kienx irrakkomandah għal intervista.

62 Huwa minnu li l-Kumitat Konsultattiv żied li, fil-każ li r-rikorrent ma kienx jaqbel ma' din id-deċiżjoni, huwa seta' jressaq talba mmotivata qabel is-17 ta' April 2015 sabiex isir eżami mill-ġdid tal-kandidatura tiegħu.

63 Skont il-ġurisprudenza, meta persuna li l-applikazzjoni tagħha sabiex tiġi ammessa għal kompetizzjoni tal-Unjoni tkun ġiet miċħuda titlob l-eżami mill-ġdid ta' din id-deċiżjoni fuq il-bażi ta' dispożizzjoni preċiża li torbot lill-amministrazzjoni, hija d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Għażla wara eżami mill-ġdid li tikkostitwixxi l-att li jikkawża preġudizzju fis-sens ta' l-Artikolu 90(2), jew, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Hija wkoll din id-deċiżjoni, meħuda wara eżami mill-ġdid, li tagħti lok għad-dekorriment tat-terminu ta' lment u ta' rikors, mingħajr ma jkun hemm lok li jiġi vverifikat jekk, f'tali sitwazzjoni, l-imsemmija deċiżjoni tistax eventwalment titqies bħala att purament konfermattiv (sentenzi tat-23 ta' Jannar 2002, Gonçalves vs Il-Parlament, T-386/00, EU:T:2002:12, punt 39, u tas-7 ta' Ġunju 2005, Cavallaro vs Il-Kummissjoni, T-375/02, EU:T:2005:199, punt 58).

64 Madankollu, din il-possibbiltà li jintalab l-eżami mill-ġdid ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' kandidatura ma tistax tiġi interpretata fis-sens li rikors dirett kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' lment huwa inammissibbli minħabba assenza ta' talba minn qabel ta' eżami mill-ġdid. Fil-fatt, it-talba minn qabel ta' eżami mill-ġdid b'ebda mod ma tikkostitwixxi kundizzjoni ta' ammissibbiltà tar-rikors, hekk kif jirriżulta wara kollox mit-termini nfishom tal-posta elettronika tal-10 ta' April 2015, li fiha huwa espressament indikat li r-rikorrent għandu l-possibbiltà li jressaq talba mmotivata ta' eżami mill-ġdid.

65 Isegwi li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà wkoll għandha tiġi miċħuda.

66 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà fformulati mill-Ombudsman fil-kuntest tal-kontroreplika tiegħu, u b'mod partikolari fl-Anness D 1, u li ma kinux tqajjmu fir-risposta, dawn huma neċessarjament inammissibbli, ġaladarba huma tqajjmu fl-istadju tal-kontroreplika u ma humiex eċċezzjonijiet ta' ordni pubbliku, filwaqt li huma setgħu kienu tali fl-istadju tar-risposta. Issa, l-Ombudsman bl-ebda mod ma allega li seta' jqajjem dawn l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà biss fl-istadju tal-kontroreplika minħabba informazzjoni li huwa kien kiseb wara li r-rikorrent ippreżenta r-replika tiegħu.

67 Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà kollha mqajma mill-Ombudsman huma miċħuda.

B. Fuq il-mertu

1. Fuq it-talbiet għal annullament

68 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq użu ħażin tal-proċedura ta' selezzjoni, it-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, it-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u r-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

69 Jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li l-kapijiet ta' talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu eżaminati flimkien, hekk kif jirriżulta mill-motivi invokati minnu, inkwantu huwa ma għamel ebda distinzjoni dwar dan il-punt.

a) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq użu ħażin tal-proċedura ta' selezzjoni

70 Ir-rikorrent jinvoka erba' lmenti insostenn tal-ewwel motiv. Huwa jallega li l-Ombudsman, fl-ewwel lok, b'ebda mod ma ħa inkunsiderazzjoni, waqt l-evalwazzjoni tal-kandidati, tal-kriterji previsti mis-SMI, li, fit-tieni lok, evalwa l-kriterji ta' selezzjoni permezz ta' koeffiċjenti li ma kinux previsti mis-SMI, fit-tielet lok, li wettaq l-evalwazzjoni fuq il-bażi ta' kriterji li b'ebda mod ma kienu previsti mis-SMI u, fir-raba' lok, li ammetta li ma ħax inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv li huwa stess kien stabbilixxa fis-SMI u li wettaq irregolaritajiet fl-evalwazzjoni tar-rikorrent.

71 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, hekk kif irrikonoxxa r-rikorrent waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, l-ewwel motiv, li huwa bbażat fuq l-"użu ħażin tal-proċedura ta' selezzjoni", għandu jinftiehem fis-sens li jirriżulta minn "ksur tal-proċedura ta' selezzjoni", liema konstatazzjoni tniżżlet fil-minuti tas-seduta. Qabel kollox, huwa f'dan il-kuntest li l-Ombudsman wieġeb għall-ewwel motiv imqajjem mir-rikorrent, b'tali mod li huwa ma għamel ebda osservazzjoni waqt is-seduta dwar din il-kwalifika mill-ġdid imwettqa mill-Qorti Ġenerali.

1) Fuq l-ewwel u t-tieni lmenti, ibbażati fuq il-fatt li l-Ombudsman, minn naħa, b'ebda mod ma ħa inkunsiderazzjoni, waqt l-evalwazzjoni tal-kandidati, tal-kriterji previsti mis-SMI u, min-naħa l-oħra, evalwa l-kriterji ta' selezzjoni permezz ta' koeffiċjenti li ma kinux previsti mis-SMI

72 Ir-rikorrent isostni, essenzjalment, li, filwaqt li s-SMI kien jinkludi, fil-punt 6 tiegħu, tnax-il kriterju (ara l-punt 3 iktar 'il fuq), ittieħdu inkunsiderazzjoni tmien kriterji biss. B'hekk, billi ħa inkunsiderazzjoni biss tmienja mit-tnax-il kriterju msemmi, l-Ombudsman allegatament kiser is-SMI. Barra minn hekk, l-Ombudsman applika koeffiċjenti ta' ponderazzjoni għal kull wieħed mill-kriterji, filwaqt li s-SMI b'ebda mod ma kienet ipprevediet dan.

73 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Ombudsman għandu l-obbligu li josserva s-SMI li jkun stabbilixxa, ġaladarba tali sejħa tiddetermina l-kundizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-impjieg ikkonċernat. B'hekk, il-funzjoni tas-SMI hija, minn naħa, li jiġu informati l-persuni kkonċernati, b'mod daqstant preċiż daqs kemm huwa possibbli, dwar in-natura tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex timtela pożizzjoni kkonċernata sabiex jitqiegħdu fil-pożizzjoni li jkunu jistgħu jevalwaw jekk hemmx lok għalihom li jippreżentaw il-kandidatura tagħhom, u, min-naħa l-oħra, li jiġi stabbilit il-kuntest ta' legalità li fir-rigward tiegħu l-istituzzjoni għandha l-intenzjoni li twettaq l-eżami komparattiv tal-merti tal-kandidati. Billi, waqt l-eżami tal-kandidaturi, jieħu inkunsiderazzjoni kundizzjonijiet oħra minbarra dawk li jinsabu fis-SMI, l-Ombudsman ma josservax dan il-qafas ta' legalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Frar 1999, Leite Mateus vs Il-Kummissjoni, T-21/98, EU:T:1999:28, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li l-SMI ddikjarat il-kriterji kollha li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, li huma tnax (ara l-punt 3 iktar 'il fuq), mingħajr ma kienu ġew iddeterminati, għaldaqstant, la l-koeffiċjenti ta' ponderazzjoni attribwit lil kull wieħed mill-imsemmija kriterji u lanqas l-istadju li għalih dawn tal-aħħar kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

75 Issa, l-Ombudsman għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex imexxi ħidmietu. Għalhekk, huwa għandu l-jedd, meta, bħal f'dan il-każ, is-SMI ma tipprevedix kriterji ta' evalwazzjoni, li jiffissa tali kriterji jew li jiddetermina, jekk is-SMI ma tipprovdix dan, l-istadju li fih il-kriterji għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1981, Authié vs Il-Kummissjoni, 34/80, EU:C:1981:57, punt 14; tat-13 ta' Diċembru 1990, Gonzalez Holguera vs Il-Parlament, T-115/89, EU:T:1990:84, punt 53, u tal-14 ta' Lulju 1995, Pimley-Smith vs Il-Kummissjoni, T-291/94, EU:T:1995:142, punt 48).

76 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li l-Kumitat Konsultattiv kif ukoll l-Ombudsman evalwaw il-kandidaturi fil-kuntest tat-tieni stadju, jiġifieri l-evalwazzjoni tal-*curriculum vitæ* biss, fir-rigward tat-tmien kriterji li ġejjin:

– "[e]sperjenza ta' kollaborazzjoni ma' jew ta' ħidma fi ħdan istituzzjoni, korp jew organu tal-UE, jew ta' kollaborazzjoni ma' jew ta' ħidma fi ħdan uffiċċju nazzjonali ta' ombudsman jew kull korp relatat;

– għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej;

– esperjenza sinjifikattiva u suċċess dimostrabbli bħala diriġent f'qasam kompatibbli mal-attivitajiet ta' uffiċċju;

– għarfien tajjeb tar-rwol li għandu ombudsman fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

– esperjenza murija fl-implementazzjoni ta' bidla strateġika;

– għarfien tal-ġestjoni u tal-pjanifikazzjoni baġitarja;

– għarfien ta' streteġiji u proċessi moderni fis-settur tar-riżorsi umani;

– għarfien ta' streteġiji u proċessi moderni fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni".

77 Min-naħa l-oħra, l-aħħar erba' kriterji, imsemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq, ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' dan it-tieni stadju, iżda f'dak tat-tielet stadju, jiġifieri waqt l-intervista tal-kandidati sselezzjonati biss.

78 L-ilment tar-rikorrent, li l-Ombudsman ma osservat is-SMI minħabba li ttieħdu inkunsiderazzjoni biss tmien kriterji waqt l-eżami tal-kandidaturi bbażata fuq il-*curriculum vitæ* tal-kandidati, ma jistax jintlaqa'.

79 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta min-nota tat-13 ta' Mejju 2015 kif ukoll mid-deċiżjoni kkontestata, il-kriterji kollha msemmija fis-SMI ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' selezzjoni u ebda kriterju minbarra dawk imsemmija fis-SMI ma ttieħed inkunsiderazzjoni waqt din il-proċedura.

80 Il-fatt li l-ewwel tmien kriterji ddikjarati fil-punt 3 iktar 'il fuq ittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tat-tieni stadju u li l-aħħar erba' ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-intervisti jaqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Ombudsman, li għaldaqstant seta' liberament, mingħajr ma dan jiġi ddikjarat fis-SMI, jiddetermina l-istadju li fih dawn il-kriterji kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

81 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-aħħar erba' kriterji, jiġifieri l-"kapaċitajiet eċċellenti ta' komunikazzjoni, ta' networking u ta' motivazzjoni tal-persunal", l-"impenn profond favur UE li tisma' liċ-ċittadini", l-"impenn profond favur il-viżjoni u l-istrateġija tal-Ombudsman maħtura" u l-"kapaċità ta' komunikazzjoni effikaċi bl-Ingliż u bil-Franċiż [, fejn l-]għarfien ta' lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea huwa vantaġġ", huma kriterji li, naturalment, huma ideali biex jiġu eżaminati waqt l-intervisti.

82 Fil-fatt, huwa fil-kuntest tal-intervisti li l-Ombudsman jista' jifhem, fid-dawl tal-mistoqsijiet magħmula u tal-formulazzjoni tat-tweġibiet tal-kandidati, b'mod partikolari, l-impenn ta' dawn tal-aħħar favur Unjoni li tisma' liċ-ċittadin jew favur il-viżjoni u l-istrateġija tal-Ombudsman kif ukoll il-kapaċità ta' komunikazzjoni bl-Ingliż, bil-Franċiż u b'lingwi oħra tal-Unjoni.

83 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent dwar il-koeffiċjent ta' ponderazzjoni applikat għall-kriterji differenti, fejn l-ewwel ħames kriterji ġew immarkati fuq 10 u l-aħħar tlieta fuq 5, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-fatt li s-SMI ma tgħid xejn dwar dan, l-Ombudsman seta' liberament jalloka koeffiċjenti ta' ponderazzjoni differenti mal-kriterji, liema fatt jirriżulta mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxuta lilu mill-ġurisprudenza (sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, Canga Fano vs Il-Kunsill, T-281/11 P, EU:T:2013:252, punt 123; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 1988, Santarelli vs Il-Kummissjoni, 149/86, EU:C:1988:179, punt 10).

84 Mill-punti preċedenti jirriżulta li r-rikorrent ma jipproduċi ebda prova u ebda indikazzjoni li tista' turi li l-Ombudsman wera l-iċken rieda ddeliberata li jeskludi l-kandidatura tiegħu favur G. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2000, Elkaïm u Mazuel vs Il-Kummissjoni, T-173/99, EU:T:2000:142, punt 121).

85 Għaldaqstant l-ewwel u t-tieni lmenti għandhom jiġu miċħuda.

2) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq il-fatt li l-Ombudsman wettaq l-evalwazzjoni fuq il-bażi ta' kriterji li b'ebda mod ma kienu previsti mis-SMI

86 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jikkritika lill-Ombudsman talli talab lill-kandidati li kienu qed jipparteċipaw fit-tieni sensiela ta' intervisti sabiex jipprovdu rakkomandazzjonijiet personali, rekwiżit li mkien ma kien jirriżulta fost il-kriterji ta' selezzjoni.

87 F'dan ir-rigward, jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa ineffettiv inkwantu l-kandidatura tar-rikorrent ġiet miċħuda fi stadju preċedenti għal dak tal-intervisti, b'mod li l-eventwali teħid inkunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ma jistax kellu bħala konsegwenza li joħolqu preġudizzju. Barra minn hekk, kif jippreċiża l-Ombudsman waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqija magħmula mill-Qorti Ġenerali, dan ir-rekwiżit ġie fformulat biss fir-rigward tal-kandidata G. fi tmiem il-proċedura ta' reklutaġġ.

88 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li r-rikorrent innifsu, fil-*curriculum vitæ* tiegħu, semma l-ismijiet tal-personalitajiet li setgħu jirrakkomandaw il-kandidatura tiegħu.

89 Fit-tieni lok, ir-rikorrent jikkritika lill-Ombudsman talli ta vantaġġ komparattiv lill-kandidati li kienu ħadmu fl-istituzzjonijiet li kellhom relazzjonijiet frekwenti mal-Ombudsman, filwaqt li dan il-kriterju ma kienx jinsab fis-SMI.

90 Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata l-Ombudsman kiteb:

"Tajt ukoll vantaġġ komparattiv lill-kandidati li ħadmu fl-istituzzjonijiet li kellhom relazzjonijiet frekwanti mal-Istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew. Filwaqt li int għandek ftit ta' esperjenza fir-rigward tal-Ombudsman Ewropew, kandidati oħra kellhom ferm iktar esperjenza."

91 F'dan ir-rigward, huwa minnu, hekk kif isostni r-rikorrent, li l-kriterju ta' "frekwenza ta' relazzjonijiet mal-Ombudsman" ma jirriżultax, bħala tali, fost il-kriterji msemmija fis-SMI.

92 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li dan il-kriterju jista' jintrabat ma' dak ta' "għarfien tajjeb tar-rwol li għandu ombudsman fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika", hekk kif ikkonferma l-Ombudsman fi tweġiba għal mistqosija magħmula mill-Qorti Ġenerali.

93 B'hekk, persuna li kellha relazzjonijiet professjonali frekwenti mal-Ombudsman tkun naturalment iktar informata dwar il-missjonijiet u l-problematiki marbuta ma' din il-funzjoni meta mqabbla ma' persuna li ħadmet f'istituzzjoni jew organu tal-Unjoni li kellha relazzjonijiet iktar imbegħda mal-Ombudsman, jew saħansita li ma kellha ebda relazzjoni professjonali.

94 Issa, ir-rikorrent ma kienx f'pożizzjoni li juri li huwa kellu, fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, relazzjonijiet frekwenti mal-Ombudsman.

95 Huwa jinvoka biss, bħala eżempju, tliet kawżi li tagħhom kien ħa konjizzjoni meta kien jaħdem fil-pożizzjoni ta' référendaire. Madankollu, minbarra l-fatt li l-għarfien tal-kawżi ma huwiex tali li juri l-frekwenza ta' relazzjonijiet mal-Ombudsman, jeħtieġ li jiġi osservat li, qabel kollox, l-ewwel kawża tat lok għad-digriet tal-4 ta' Ġunju 2015, Mirelta Ingatlanhasznosító vs Il-Kummissjoni u L-Ombudsman (C-576/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:370), li permezz tiegħu l-appell ġie miċħud bħala parzjalment manifestament infondat u parzjalment manifestament inammissibbli, mingħajr ma l-appell kien ġie nnotifikat lill-Ombudsman. Fir-rigward tal-kawżi li marru quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri l-kawżi li taw lok għas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2008, M vs L-Ombudsman (T-412/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:397), u d-digriet tal-5 ta' Settembru 2006, O'Loughlin vs L-Ombudsman u L-Irlanda (T-144/06, mhux ippubblikata, EU:T:2006:237), dawn ingħataw mill-Qorti Ġenerali, li quddiemha r-rikorrent ma kienx jeżerċita l-funzjoni ta' référendaire. Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-kawża li tat lok għad-digriet tal-5 ta' Settembru 2006 O'Loughlin vs L-Ombudsman u L-Irlanda (T-144/06, mhux ippubblikata, EU:T:2006:237), din lanqas ma ġiet innotifikata lill-Ombudsman, fejn ir-rikors ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali minħabba inammissibbiltà u inkompetenza manifesti. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li persuna taħdem fuq każijiet li jirrigwardaw l-Ombudsman ma jimplikax l-eżistenza ta' "relazzjonijiet frekwenti" ma' dan tal-aħħar.

96 Għaldaqstant huwa mingħajr ma wettaq ksur tal-proċedura ta' selezzjoni li l-Ombudsman ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kandidati kienu ħadmu f'istituzzjonijiet b'relazzjonijet frekwenti miegħu.

97 Fit-tielet lok, ir-rikorrent isostni li, fid-deċiżjoni kkontestata, l-Ombudsman evalwa b'mod iktar favorevoli lill-kandidati li kienu okkupaw pożizzjonijiet fl-ogħla diriġenza meta mqabbel ma' dawk li kienu okkupaw pożizzjonijiet ta' diriġenza inqas għoljin.

98 Ir-rikorrent jikkritika lill-Ombudsman talli fid-deċiżjoni kkontestata kkunsidra dan li ġej:

"Tajt vantaġġ komparattiv lill-kandidati li okkupaw pożizzjonijiet fl-ogħla diriġenza meta mqabbel mal-kandidati li okkupaw pożizzjonijiet ta' diriġenza inqas għoljin. Inti kont kap ta' diviżjoni, filwaqt li ċertu numru ta' kandidati oħra okkupaw il-pożizzjoni ta' direttur."

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali fl-uffiċċju tal-Ombudsman, li hija l-ogħla pożizzjoni ta' diriġenza fi ħdan l-uffiċċju tal-Ombudsman, tirrikjedi mingħajr dubju kwalitajiet ta' diriġenza, b'tali mod li ma huwiex żbaljat, hekk kif isostni l-Ombudsman, li jagħti importanza lill-kandidati li diġà okkupaw pożizzjonijiet tal-ogħla diriġenza.

100 Fi kwalunkwe każ, mill-*curriculum vitæ* ta' G. jirriżulta li din tal-aħħar kienet ukoll kap ta' diviżjoni u għaldaqstant ma kinitx teżerċita funzjonijiet ta' diriġenza, fejn għalhekk dan il-kriterju ma ntużax bħala kriterju eliminatorju, iżda għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-kandidaturi.

101 Għaldaqstant huwa wkoll mingħajr ma wettaq ksur ta' proċedura ta' selezzjoni li l-Ombudsman ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kandidati kienu okkupaw funzjonijiet tal-ogħla diriġenza.

102 Fir-raba' lok, ir-rikorrent jilmenta lill-Ombudsman talli, fil-kuntest tal-intervisti, ħa inkunsiderazzjoni l-kriterju ta' "impressjoni globali", li ma kienx jinsab fis-SMI.

103 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa ineffettiv sa fejn il-kandidatura tar-rikorrent ġiet miċħuda fi stadju preċedenti għal dak tal-intervisti, b'tali mod li t-teħid inkunsiderazzjoni eventwali ta' "impressjoni globali", li seħħet biss fl-istadju tal-intervisti, ma jistax ikollu bħala konsegwenza li jippreġudikah.

104 Fi kwalunkwe każ, dan il-kriterju għandu jinftiehem bħala sinteżi tal-prestazzjoni tal-kandidati għall-kriterji kollha u mhux bħala kriterju ġdid jew indipendenti.

105 Għaldaqstant it-tielet ilment fl-intier tiegħu għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

3) Fuq ir-raba' lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Ombudsman ammetta li ma ħax inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv li kien stabbilixxa huwa stess fis-SMI

106 Ir-rikorrent jilmenta li l-Ombudsman, l-ewwel nett, ma ħax inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv li wara kollox kien ħoloq, ġaladarba ma kienx jaf l-ordni ta' klassifikazzjoni tal-kandidati stabbilita mill-imsemmi kumitat fil-mument li sejjaħ lil tmienja minn fosthom għal intervista, u li b'hekk huwa kiser l-obbligu tiegħu li jieħu din l-opinjoni inkunsiderazzjoni, u, it-tieni nett, talli wettaq irregolaritajiet fl-evalwazzjoni li huwa wettaq fil-konfront tar-rikorrent.

107 L-Ombudsman, fil-fatt, jikteb, fid-deċiżjoni kkontestata:

"Permezz tal-Kap tal-uffiċċju tiegħi, il-[Kumitat Konsultattiv] sussegwentement ikkomunikali lista tal-aħjar 12-il kandidatura elenkata f'ordni alfabetiku […] Fuq il-bażi tal-atti ta' kandidatura u tal-istess 8 kriterji bħal dawk użati mill-[Kumitat Konsultattiv], jiena stess għażilt it-8 kandidati li kellhom jiġu mistiedna għal intervista fis-17 ta' April 2015 u kkomunikajt l-għażla tiegħi billi weġibt il-posta elettronika li bgħatli l-Kap tal-uffiċċju tiegħi. Għażilt li nistieden biss 8 kandidati inkwantu l-evalwazzjoni tiegħi tal-kandidaturi wasslitni biex nikkunsidra li l-kandidati l-oħra inklużi fil-lista ma kinux jissodisfaw il-kwalitajiet meħtieġa biex jiġu rreklutati fil-pożizzjoni vakanti. Nixtieq nenfasizza li l-evalwazzjoni komparattiva tiegħi saret indipendentement mill-klassifikazzjoni tal-marki stabbiliti mill-[Kumitat Konsultattiv]. Ma nqisx li din il-klassifikazzjoni kienet torbot l-għażla tiegħi meta pproċedejt għas-selezzjoni tal-kandidati li kont xtaqt nistieden għal intervista."

108 B'hekk jirriżulta b'mod ċar minn din it-tweġiba li l-Ombudsman ibbaża lilu nnifsu fuq l-evalwazzjonijiet tiegħu stess fir-rigward tat-tnax-il kandidat propost mill-Kumitat Konsultattiv fil-lista tiegħu stabbilita f'ordni alfabetiku, iżda mhux fuq il-marki li l-imsemmi kumitat kien attribwixxa lil kull wieħed minn dawn it-tnax-il kandidat u lanqas fuq il-klassifikazzjoni mwettqa minn dan il-kumitat.

109 L-Ombudsman jindika, fir-risposta tiegħu, li "fil-fatt" aġixxa konformement mal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv u ppreċiża li ma "ddeċidiex billi approva sempliċement lista mfassla skont ordni ta' mertu".

110 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, meta istituzzjoni, organu jew korp toħloq fi ħdanha Kumitat Konsultattiv mhux imsemmi mir-Regolamenti tal-Persunal bil-għan li tipprovdi, bil-għan tal-ħatra f'ċerti pożizzjonijiet, opinjoni dwar il-kapaċitajiet u kompetenzi tal-kandidati, din il-miżura tkun intiża li tiżgura li din l-istituzzjoni, dan l-organu jew dan il-korp, fil-kapaċità tagħha bħala Awtorità

tal-Ħatra, ikollha l-aħjar bażi sabiex tipproċedi għall-eżami komparattiv tal-merti tal-kandidati. Minn dan jirriżulta li l-opinjoni espressa minn dan il-kumitat konsultattiv taħt il-forma ta' rakkomandazzjoni bil-għan ta' intervista għandha, sa fejn dan il-kumitat effettivament jagħti tali rakkomandazzjoni, tagħmel parti mill-elementi li l-Awtorità tal-Ħatra għandha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tibbaża l-evalwazzjoni tagħha nnifisha tal-merti tal-uffiċjali, anki jekk hija tqis li għandha teskludiha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1987, Hochbaum u Rawes vs Il-Kummissjoni, 44/85, 77/85, 294/85 u 295/85, EU:C:1987:348, punti 16 u 17; tat-30 ta' Jannar 1992, Schönherr vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, T-25/90, EU:T:1992:8, punti 27 u 28, u tat-18 ta' Settembru 2003, Pappas vs Il-Kumitat tar-Reġjuni, T-73/01, EU:T:2003:237, punt 60).

111 Waqt is-seduta, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, l-Ombudsman irrikonoxxa li, kuntrarjament għal dak li kien ġie indikat fil-posta elettronika tal-10 ta' April 2015 li kienet tinforma lir-rikorrent li l-Kumitat Konsultattiv kien iddeċieda li ma jirrakkomandax il-kandidatura tiegħu għal intervista, il-Kumitat Konsultattiv kien, għall-kuntrarju, għażel tnax-il kandidat, fosthom ir-rikorrent, bil-għan li jieħdu sehem f'intervista. L-Ombudsman żied li huwa stess kien għażel li jsejjaħ biss lil tmienja minn dawn it-tnax-il kandidat, fosthom lil G., bl-esklużjoni tar-rikorrent. Madankollu l-Ombudsman ippreċiża li din kienet negliġenza.

112 Huwa paċifiku li, fil-każ inkwistjoni, l-SMI ppreveda, fil-punt 7 tiegħu, li Kumitat Konsultattiv kellu jassisti lill-Ombudsman, jipproponi lista ta' kandidati li setgħu jiġu mistiedna għal intervista u seta' jirrakkomanda li jiġi llimitat in-numru ta' kandidati eliġibbli għall-imsemmija intervista. Kien previst ukoll li l-Ombudsman seta' jiddeċiedi li jistieden għall-intervisti biss lil uħud mill-kandidati li jinsabu fil-lista rrakkomandata mill-Kumitat Konsultattiv.

113 Huwa paċifiku wkoll li, f'dan il-każ, l-Ombudsman stieden għal intervista lil tmien kandidati mit-tnax proposti mill-Kumitat Konsultattiv, mingħajr ma kellu għarfien, fil-mument ta' din l-istedina, tal-marki u tal-merti attribwiti lil kull wieħed mill-kandidati mill-imsemmi kumitat, inkwantu huwa kellu għarfien biss tal-lista alfabetika tal-imsemmija kandidati. Madankollu mill-fatti jirriżulta li l-Ombudsman stieden lill-istess l-ewwel seba' kandidati bħal dawk irrakkomandati mill-Kumitat Konsultattiv. Min-naħa l-oħra, it-tmien kandidat mistieden mill-Ombudsman kien jinsab fid-disa' pożizzjoni *ex æquo* mar-rikorrent. La t-tmien kandidat fil-lista skont l-ordni ta' mertu stabbilit mill-Kumitat Konsultattiv u lanqas ir-rikorrent ma ġew mistiedna għal intervista.

114 B'hekk l-Ombudsman segwa l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, inkwantu huwa sejjaħ għall-intervisti biss lil kandidati proposti mill-imsemmi kumitat fil-lista skont ordni alfabetiku li ntbagħtet lilu fid-9 ta' April 2015. Madankollu, billi ma sejjaħx lit-tmien kandidat skont l-ordni ta' mertu tal-lista tal-Kumitat Konsultattiv, iżda lid-disa' wieħed tal-imsemmija lista, l-Ombudsman ma segwiex l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Konsultattiv.

115 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Ombudsman indika li huwa ma kellux għarfien tal-klassifikazzjoni wara li sejjaħ lit-tmien kandidati li huwa kien għażel għal intervista. Din l-affermazzjoni ma ġietx ikkontestata mir-rikorrent, inkwantu l-Ombudsman kien sejjaħ għal intervisti biss lil kandidati li kienu jinsabu fil-lista stabbilita mill-Kumitat Konsultattiv. Għaldaqstant l-Ombudsman ma eskludiex il-lista alfabetika.

116 Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi osservat li l-Ombudsman innifsu jippretendi li huwa ma kellux japprova sempliċement lista stabbilita skont ordni ta' mertu.

117 Għaldaqstant hemm lok li jiġi ddeterminat jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, billi eskluda l-klassifikazzjoni skont l-ordni ta' mertu li tinsab fl-opinjoni stabbilita mill-Kumitat Konsultattiv, l-Ombudsman wettaqx żball ta'natura li jivvizzja l-proċedura b'mod li jikkawża preġudizzju lir-rikorrent.

118 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, minħabba n-natura purament konsultattiva tal-opinjoni, l-Ombudsman seta' jidderoga minnha, sa fejn huwa kien invoka r-raġuni għalfejn huwa kien iddeċieda li jsegwi ordni differenti minn dak stabbilit mill-Kumitat Konsultattiv (ara l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 110 iktar 'il fuq).

119 F'dan ir-rigward, l-Ombudsman ħa inkunsiderazzjoni l-kandidaturi tal-ewwel seba' kandidati li kienu jinsabu fil-lista skont ordni ta' mertu stabbilita mill-Kumitat Konsultattiv, iżda ma sejjaħx għal intervista lit-tmien kandidat propost mill-imsemmi kumitat, iżda lil dak li kien jinsab fid-disa' pożizzjoni, ġaladarba l-Ombudsman ma kellux għarfien, f'din id-data, tal-ordni skont il-mertu

120 Fid-deċiżjoni kkontestata, l-Ombudsman spjega li huwa kien għażel li jistieden biss lil dawn it-tmien kandidati peress li l-evalwazzjoni tiegħu kienet wasslitu jqis li l-kandidati l-oħra inklużi fil-lista ma kinux jissodisfaw il-kwalitajiet meħtieġa biex jiġu rreklutati għall-pożizzjoni vakanti.

121 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Ombudsman sejjaħ għal intervisti biss lil kandidati li kienu jinsabu fil-lista stabbilita mill-Kumitat Konsultattiv. Barra minn hekk, fid-dawl tal-proċedura prevista mis-SMI (ara l-punt 112 iktar 'il fuq), l-Ombudsman ma kellux obbligu li japprova sempliċement lista stabbilita skont ordni ta' mertu u ma kienx mhux xieraq li ma jiġux mistiedna l-kandidati inklużi fil-lista li, fil-fehma tiegħu, ma kinux jissodisfaw il-kwalitajiet neċessarji biex jiġu rreklutati għall-pożizzjoni vakanti.

122 Għaldaqstant, minkejja lil-Ombudsman ma ħax inkunsiderazzjoni l-ordni stabbilit mill-Kumitat Konsultattiv, din il-konstatazzjoni ma tistax twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

123 Fil-fatt, anki li kieku l-Ombudsman kien segwa l-ordni ta' klassifikazzjoni skont il-lista stabbilita mill-imsemmi kumitat, ma huwiex ir-rikorrent, iżda l-kandidat li kien ġie kklassifikat fit-tmien post li kien jissejjaħ, u d-disa' fil-lista, li ġie kklassifikat *ex æquo* mar-rikorrent, ma kienx jissejjaħ.

124 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' lment għandu jiġi miċħud kif ukoll l-ewwel motiv kollu kemm hu.

b) Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

125 Ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li l-Ombudsman eżamina b'mod arbitrarju l-*curriculum vitæ* tiegħu, minħabba li kien référendaire meta ressaq il-kandidatura tiegħu u mhux kap ta' diviżjoni. Huwa jgħid li għalhekk l-Ombudsman jidher li wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

126 F'dan ir-rigward, jeħtieġ sempliċement li jiġi osservat li l-Ombudsman fakkar biss, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrent kien "kap ta' diviżjoni" u mhux "direttur" bħal kandidati oħra. Min-naħa l-oħra, l-Ombudsman ma ħasibx li r-rikorrent kien jokkupa attwalment il-pożizzjoni ta' référendaire meta ressaq il-kandidatura tiegħu.

127 Għalhekk dan l-ilment huwa nieqes minn bażi fattwali.

128 Barra minn hekk, minn naħa, huwa minnu, hekk kif jirriżulta mill-*curriculum vitæ* tar-rikorrent, li dan tal-aħħar, matul il-karriera tiegħu, kien "kap ta' diviżjoni".

129 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-funzjonijiet ta' référendaire fi ħdan l-uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-*curriculum vitæ* tar-rikorrent jirriżulta li dan tal-aħħar kellu bħala funzjoni, fi ħdan dan l-uffiċċju, il-"koordinazzjoni tal-inċidenti proċedurali, [il-]preparazzjoni tal-attribuzzjoni tal-kawżi li jkunu għadhom kif daħlu, [il-]koordinazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Awla Manja, [il-]koordinazzjoni tal-attività amministrattiva tal-istituzzjoni [u l-]parteċipazzjoni f'kumitati f'isem il-President". Fir-rigward tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent tas-27 ta' Marzu 2015, dan jinkludi bħala

deskrizzjoni tal-funzjonijiet li jikkorrispondu għall-impjieg tal-uffiċjal evalwat l-indikazzjonijiet li ġejjin: "Référendaire (inkarigat b'mod partikolari mill-affarijiet amministrattivi, koordinazzjoni tal-inċidenti proċedurali sal-attribuzzjoni tal-kawżi u b'mod aċċessorju mill-ġurisprudenza tal-Awla Manja)".

130 Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-Ombudsman ma wettaq ebda żball manifest ta' evalwazzjoni.

131 It-tieni nett, ir-rikorrent isostni li l-marka li huwa kiseb taħt il-kriterju ta' evalwazzjoni dwar l-għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jmissha kienet ogħla minn dik miksuba minn G.

132 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Awtorità tal-Ħatra li għandha tevalwa l-kisba minn kandidat tal-kundizzjonijiet meħtieġa fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti u din l-evalwazzjoni tista' titqiegħed inkwistjoni biss fil-każ ta' żball manifest. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma tistax tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Awtorità tal-Ħatra billi tivverifika l-evalwazzjonijiet ta' din tal-aħħar tal-kapaċitajiet professjonali tal-kandidati, sakemm ma tikkonstatax żball manifest ta' evalwazzjoni (sentenza tat-13 ta' Diċembru 1990, Kalavros vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, T-160/89 u T-161/89, EU:T:1990:86, punt 29; ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 1984, Picciolo vs Il-Parlament, 111/83, EU:C:1984:200, punt 16).

133 Qabel kollox, mis-SMI jirriżulta li l-funzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali kienu deskritti b'dan il-mod:

"Is-[S]egretarju Ġenerali huwa inkarigat mill-ġestjoni ġenerali tal-uffiċċju u tal-implementazzjoni tal-istrateġija tal-Ombudsman. Huwa/Hija jaqa'/taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tagħha u jidderiġi/tidderiġi t-tim ta' tmexxija tagħha. Huwa għandu jaħdem/Hija għandha taħdem f'kollaborazzjoni stretta mal-uffiċċju tal-Ombudsman u għandu jirrappreżenta/għandha tirrappreżenta l-uffiċċju f'attivitajiet esterni."

134 Fir-rigward tal-"għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni", jeħtieġ li jiġi kkonstatat li mill-*curriculum vitæ* ta' G. jirriżulta li bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet differenti bħala ġurnalista G. okkupat funzjonijiet differenti fi ħdan il-Kummissjoni, bħala kelliema għall-Membru tal-Kummissjoni inkarigat mis-saħħa u mill-protezzjoni tal-konsumatur (1999-2004), konsulent fil-qasam ta' strateġija ta' komunikazzjoni għal Viċi President tal-Kummissjoni (2004-2006), assistent ta' direttur ġenerali fid-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Komunikazzjoni" tal-Kummissjoni (2006-2007), kap ta' diviżjoni fis-settur tar-riżorsi umani u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni fi ħdan id-DĠ "Ġustizzja" tal-Kummissjoni (2007-2011) u kap ta' diviżjoni mad-Direttur Ġenerali għall-affarijiet marittimu u l-industrija ittika (sa mill-2011).

135 Meta jitqiesu dawn l-esperjenzi differenti miksuba f'dipartimenti differenti tal-Kummissjoni, jeħtieġ li jiġi konkluż li huwa mingħajr ma wettaq żball manifest ta' evalwazzojni li l-Kumitat Konsultattiv attribwixxa marka għolja ħafna lil G. L-assenza ta' lawrea ġuridika ta' G. ma tistax, fid-dawl tal-esperjenza ddiversifikata tagħha, turi li l-Kumitat Konsultattiv wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

136 Barra minn hekk "l-għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni]" ma għandux jiġi eżaminat indipendentement, iżda fir-rigward tal-funzjonijiet deskritti mis-SMI, li huma ċċentrati fuq l-istrateġija tal-Ombudsman u t-tmexxija tat-tim ta' dan tal-aħħar, fejn għalhekk għandu jitqies li l-kandidat imfittex ma kellux ikun speċjalist tad-dritt tal-Unjoni, iżda persuna li okkupat diversi pożizzjonijiet f'setturi differenti ta' attivitajiet.

137 Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent li l-Ombudsman ma setax iqis li ma kellu "ebda esperjenza prattika fis-settur ta' ġestjoni tar-riżorsi umani", jeħtieġ li jiġi osservat li l-Ombudsman kiteb fid-deċiżjoni kkontestata:

"Tajt ukoll vantaġġ komparattiv lill-kandidati li kellhom esperjenza prattika tar-riżorsi umani, b'mod partikolari permezz tal-implementazzjoni ta' ristrutturar ta' entitajiet organizzattivi. Filwaqt li wħud mill-kandidati kellhom esperjenza kbira fis-settur, int ma għandekx minn din l-esperjenza."

138 Għaldaqstant l-Ombudsman ikkunsidra li, kuntrarjament għal kandidati oħra, ir-rikorrent ma kellux esperjenza prattika kbira fis-settur tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, b'mod partikolari fil-qasam tar-ristrutturar, u mhux, kif jallega r-rikorrent, li ma kellu ebda esperjenza fis-settur.

139 Issa, ir-rikorrent b'ebda mod ma ppretenda li kiseb esperjenza fil-qasam tar-ristrutturar, u għalhekk dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

140 Sussegwentement, ir-rikorrent isostni li, b'mod partikolari, il-funzjonijiet tiegħu ta' kap tad-diviżjoni "Drittijiet statutorji, affarijiet soċjali u mediċi, kundizzjonijiet tax-xogħol" kienu jirrigwardaw, iktar minn kull ħaġa oħra, il-ġestjoni tar-riżorsi umani.

141 F'dan ir-rigward, mill-*curriculum vitæ* tar-rikorrent jirriżulta li l-attivitajiet u responsabbiltajiet prinċipali tiegħu kienu jinkludu l-"ġestjoni tad-drittijiet statutorji tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja, [il-]koordinazzjoni tal-azzjonijiet soċjali, [is-]sorveljanza amministrattiva tad-dipartiment mediku", il-"ġestjoni tad-drittijiet tal-Membri tal-istituzzjoni li jirriżultaw mill-Istatu tal-Qorti tal-Ġustizzja u mir-reġim pekunjarju tal-Membri", ir-rwol tal-"President tal-Kumitat Preparatorju għall-Affarijiet Soċjali fi ħdan il-[Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni] (sal-2013)", ta' "membru tal-Kumitat Preparatorju għall-Kwistjonijiet Statutorji", ta' "Ex President tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċentru Polivalenti tat-tfal", ta' "President tal-[Kumitat ta' Ġestjoni tal-Assigurazzjoni tal-Mard]" u ta' "membru supplenti tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal".

142 Filwaqt li dawn l-attivitajiet jippreżentaw, ċertament, rabta mal-"ġestjoni tar-riżorsi umani", madankollu huma la jitrattaw direttament l-istrateġiji jew l-organizzazzjonijiet tar-riżorsi umani differenti u lanqas, b'mod partikolari, l-implementazzjoni ta' ristrutturazzjonijiet ta' entitajiet organizzattivi.

143 Fir-rigward tal-fatt li l-funzjonijiet ta' référendaire fi ħdan l-uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja "minbarra dawk li huma konnessi max-xogħol ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja, jestendu fuq kollox għas-superviżjoni tal-funzjonament amministrattiv tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'isem il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, liema fatt [ikun] jinkludi l-kwistjonijiet ta' persunal (inklużi l-kwistjonijiet ta' tnaqqis tal-persunal), il-preparazzjoni tal-baġit, l-organizzazzjoni informatika tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-infrastruttura u, b'mod iktar ġenerali, kull funzjonament tal-amministrazzjoni", jeħtieġ li jiġi kkonstatat li dawn l-attivitajiet kollha ma jidhrux fil-*curriculum vitæ* tar-rikorrent, li semma biss, hekk kif diġà ġie indikat fil-punt 129 iktar 'il fuq, il-koordinazzjoni tal-inċidenti proċedurali, il-preparazzjoni tal-attribuzzjoni tal-kawżi li jkunu għadhom kif daħlu, il-koordinazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Awla Manja, il-koordinazzjoni tal-attività amministrattiva tal-istituzzjoni u l-parteċipazzjoni f'kumitati f'isem il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn lanqas ma jissemmew fir-rapporti ta' evalwazzjoni tar-rikorrent stabbiliti fis-17 ta' Marzu 2015 (perijodi mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 u mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013) u mis-27 ta' Marzu 2015 (perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014). Fl-ewwel żewġ rapporti, il-funzjonijiet tar-rikorrent deskritti huma "kap tad-diviżjoni 'Drittijiet statutorji, affarijiet soċjali u mediċi, kundizzjonijiet tax-xogħol'" u, fl-aħħar rapport, "référendaire (inkarigat b'mod partikolari mill-affarijiet amministrattivi, koordinazzjoni ta' inċidenti proċedurali sal-attribuzzjoni tal-kawżi u b'mod sekondarju mill-ġurisprudenza tal-Awla Manja)".

144 Għalhekk l-Ombudsman ma jistax jiġi akkużat li wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni.

145 Fl-aħħar nett, ir-rikorrent jikkritika lill-Ombudsman talli qies li huwa kellu għarfien u esperjenza obsoleti fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.

146 L-Ombudsman kiteb, fid-deċiżjoni kkontestata:

"Tajt vantaġġ komparattiv lil kandidati li kellhom esperjenza reċenti fis-settur tal-informatika fl-aħħar għaxar snin (huwa qasam fi żvilupp kostanti u li fih l-iżviluppi huma rapidi, fejn esperjenza iktar imgħoddija hija inqas rilevanti fil-kuntest tal-ħtiġijiet attwali). Inti ma kellekx esperjenza fis-settur tal-informatika fl-aħħar sitt snin, [fejn] esperjenza akkumulata minnek fis-settur tal-informatika f'imgħoddi iktar distanti huwa inqas rilevanti għall-bżonnijiet attwali tal-istituzzjoni tiegħi."

147 Anki jekk ir-rikorrent jinvoka t-taħriġ differenti li segwa fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa ma jikkontestax il-fatt li huwa mill-1981 sal-2007 li l-funzjonijiet tiegħu kienu relatati mat-teknoloġiji tal-informazzjoni.

148 F'dan ir-rigward, minn naħa, ma jistax jiġi kkontestat li s-settur tal-informatika huwa settur li fih l-iżvilupp huwa estremament rapidu, b'tali mod li l-esperjenza miksuba f'perijodu imgħoddi hija inqas rilevanti minn dik miksuba reċentement.

149 Min-naħa l-oħra, għalkemm ir-rikorrent iqis li l-esperjenza tiegħu kienet mifruxa sal-2007, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-attività ta' référendaire ta' Mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mill-2005 sal-2007 ma tistax titqies li tagħmel parti mill-eżerċizzju ta' teknoloġiji tal-informazzjoni.

150 Għaldaqstant l-Ombudsman ma wettaq ebda żball manifest ta' evalwazzjoni billi qies li l-esperjenza tar-rikorrent fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni kienet imgħoddija u inqas rilevanti minn esperjenzi ġodda miksuba.

151 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

c) Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

152 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jakkuża lill-Ombudsman li evalwa b'mod arbitrarju u fi tmiem użu ħażin ta' proċedura li huwa stess kien fassal fis-SMI ir-rakkomandazzjonijiet prodotti għal kull wieħed mill-kandidati. Sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet ittieħdu biss inkunsiderazzjoni għat-tliet kandidati mistiedna għall-aħħar intervista, l-Ombudsman allegatament kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

153 Hekk kif tfakkar fil-punt 75 iktar 'il fuq, l-Ombudsman għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex iwettaq il-ħidma tiegħu, b'tali mod li huwa għandu l-jedd, meta, bħal f'dan il-każ, is-SMI ma tispeċifikax il-metodu ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kull wieħed mill-kriterji ta' evalwazzjoni, li jipproċedi għad-determinazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1990, Gonzalez Holguera vs Il-Parlament, T-115/89, EU:T:1990:84, punt 53, u tal-14 ta' Lulju 1995, Pimley-Smith vs Il-Kummissjoni, T-291/94, EU:T:1995:142, punt 48).

154 Jeħtieġ li jiġi osservat li, hekk kif ippreċiża l-Ombudsman waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, l-obbligu li jiġu prodotti rakkomandazzjonijiet ġie fformulat biss fir-rigward tal-kandidata G. fi tmiem il-proċedura ta' reklutaġġ.

155 Għalhekk, jeħtieġ, fi kwalunkwe każ, li jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa ineffettiv inkwantu l-kandidatura tar-rikorrent ġiet miċħuda fi stadju li jippreċedi dak tal-intervisti, fejn l-eventwali teħid inkunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ma jistax ikollu bħala konsegwenza li joħloqlu preġudizzju (ara l-punt 87 iktar 'il fuq).

156 Fit-tieni lok, ir-rikorrent jakkuża lill-Ombudsman bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi biddel il-kriterji ta' selezzjoni matul il-proċedura ta' selezzjoni, bi ksur tal-qafas li huwa stess kien iffissa. B'hekk il-kriterju relatat mal-"għarfien tajjeb tal-affarijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej" ġie eżaminat b'mod mhux oġġettiv u dak relatat mal-"għarfien ta' lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni" ġie eżamniat biss fir-rigward tat-tmien kandidati mistiedna għal intervista.

157 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li dawn iż-żewġ ilmenti huma simili għall-ewwel żewġ ilmenti msemmija fil-kuntest tal-ewwel motiv, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk mogħtija fil-punti 73 sa 83 u 131 sa 136 iktar 'il fuq.

158 B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-ilment dwar il-kriterju tal-"għarfien tajjeb tal-affarijiet tal-istituzzjonijiet u tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej", allegatament eżaminat b'mod mhux oġġettiv mill-Ombudsman, jeħtieġ ukoll li jiġi kkonstatat li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma indikax ir-raġunijiet għalfejn dan il-kriterju ġie eżaminat b'mod mhux oġġettiv, b'tali mod li, sa fejn dan l-ilment ma huwiex simili għal ilmenti oħra li r-rikorrent invoka u li ġew imwieġba mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-motivi eżaminati preċedentement, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Fil-fatt, is-sempliċi dikjarazzjoni ta' dan l-ilment ma jippermettix lill-Qorti Ġenerali tiddetermina n-natura veritiera tal-ilment invokat.

159 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

d) Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba

160 Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrent jinvoka żewġ ilmenti.

161 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jimponi lill-awtorità kompetenti tapplika korrettament it-testi (sentenzi tal-14 ta' Ġunju 1988, Christianos vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, 33/87, EU:C:1988:300, punt 23, u tat-18 ta' Settembru 2008, Angé Serrano *et* vs Il-Parlament, T-47/05, EU:T:2008:384, punt 159).

162 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jikkritika lill-Ombudsman talli eskludih mill-fażi tal-intervisti mingħajr ebda motivazzjoni, filwaqt li t-talba għal eżami mill-ġdid kellha tiġi mmotivata u ppreżentata f'terminu qasir, fejn b'hekk huwa kien preklużż milli jippreżenta appell amministrattiv. B'hekk l-Ombudsman allegatament kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

163 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, filwaqt li l-Ombudsman informa lir-rikorrent biss dwar il-fatt li, minkejja l-merti tiegħu, huwa ma kienx ser jissejjaħ għall-intervisti, dan tal-aħħar ma talabx lill-Ombudsman iktar spjegazzjonijiet sabiex ikun jista' jressaq talba għal eżami mill-ġdid.

164 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn amministrazzjoni ħażina, meta huwa stess naqas milli jitlob preċiżazzjonijiet lill-amministrazzjoni u lanqas ma talab, fl-istennija tal-preċiżazzjonijiet mitluba, l-estensjoni tat-terminu biex iressaq talba għal eżami mill-ġdid.

165 Fit-tieni lok, ir-rikorrent jilmenta li l-Ombudsman tah informazzjoni impreċiża, inkoerenti u żbaljata.

166 Fuq dan il-punt, huwa minnu li l-Ombudsman effettivament irrikonoxxa, fid-deċiżjoni kkontestata, li wħud mill-informazzjoni li kienet ingħatatlu kienet żbaljata jew mhux preċiża, b'mod li probabbilment inċentivawh jifformula lment.

167 Madankollu, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li dawn l-ineżattezzi ma jistgħux irendu d-deċiżjoni kkontestata illegali, inkwantu huwa preċiżament fl-istadju tat-tweġiba għall-ilmenti tar-rikorrent li din ir-rettifika saret (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2000, Elkaïm u Mazuel vs Il-Kummissjoni, T-173/99, EU:T:2000:142, punt 103).

168 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud ir-raba' motiv.

169 Għalhekk it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għandhom jiġu miċħuda, mingħajr ma jkun hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-Anness D 1 tal-kontroreplika. Għaldaqstant ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrent tas-7 ta' April 2017 imsemmija fil-punt 37 iktar 'il fuq.

2. Fuq it-talbiet għal kumpens

170 Ir-rikorrent jallega li d-deċiżjoni kkontestata kkawżatlu danni materjali u morali.

171 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, jekk talba għal kumpens tippreżenta rabta mill-qrib ma' talba għal annullament, iċ-ċaħda ta' din tal-aħħar, sew bħala inammissibbli, sew bħala infondata, twassal ukoll għaċ-ċaħda tat-talba għal kumpens (ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Martínez Valls vs Il-Parlament, T-214/02, EU:T:2003:254, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

172 F'dan il-każ, sa fejn teżisti rabta mill-qrib bejn it-talbiet għal annullament u t-talbiet għal kumpens u sa fejn it-talbiet għal annullament ġew miċħuda, isegwi li t-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda wkoll.

173 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

V. Fuq l-ispejjeż

174 Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Madankollu, skont l-Artikolu 135(1) tal-istess regoli, il-Qorti Ġenerali tista', b'mod eċċezzjonali, tiddeċiedi li, għal raġunijiet ta' ekwità, il-parti li titlef għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, biss frazzjoni mill-ispejjeż tal-parti l-oħra, jew saħansitra li ma għandhiex tiġi kkundannata f'dan ir-rigward.

175 Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, tikkonstata li l-Ombudsman wettaq negliġenza li huwa stess irrikonoxxa billi indika b'mod żbaljat lir-rikorrent li l-kandidatura tiegħu ma kinitx ġiet irrakkomandata għal intervista u, min-naħa l-oħra, tqis li l-Ombudsman ma ppreċiżax lir-rikorrent ir-raġunijiet iddettaljati għalfejn huwa ma kienx qiegħed isegwi l-lista ta' kandidati sabbilita skont ordni ta' mertu li kienet ġiet sottomessa lilu mill-Kumitat Konsultattiv li wara kollox huwa kien stabbilixxa.

176 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-kawża tista' titqies li nħolqot parzjalment minħabba l-aġir tal-Ombudsman.

177 Ċirkustanzi bħal dawn jikkostitwixxu raġuni eċċezzjonali li tiġġustifika li kull wieħed mill-partijiet ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) **Costas Popotas u l-Ombudsman Ewropew huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom infushom.**

Collins Kancheva Barents

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Marzu 2018.

Firem